MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 993/2002/1

**Avviz Numru 993/02 AJD**
**Equipment Hire Limited**

**vs**

**Crystal Finance Investments Limited**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' April 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm110.95) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' ghodda li s-socjeta' konvenuta kriet minghand is-socjeta' attrici u dan skond fattura li ggib in-numru 9206.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' Lm5.00 tal-ittra legali u bl-imghaxijiet legali li jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hja eccepiet illi hija m'ghandhiex thallas l-ammont mitlub izda biss ammont li jekwivali ghal gurnata kirja tal-ghodda in kwistjoni u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' ix-xhieda ta' Ray Huber u Eric Schembri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:
Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fil-kawza odjerna jirrigwarda hlas ghall-kiri ta' 'industrial vacum cleaner' ghal perijodu ta' gimgha u erbat ijiem skond ma jirrizulta mill-fattura esibita a fol. numru 14 tal-process. Is-socjeta' konvenuta tikkontendi li hija ghandha thallas biss ta' gurnata wahda stante li hija kienet kriet il-makkinarju in kwistjoni ghal gurnata wahda skond ma jirrizulta mill-faxosimile mibghut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici u li jinsab esibit a fol. numru 16. Is-socjeta' attrici tirribatti li l-makkinarju in kwistjoni gie ritornat wara gimgha u erbat ijiem (skond ma jirrizulta mid-'delivey note esibita a fol. numru 13) u taghmel riferenza ghall-klawzola numru 3(e) tal-kuntratt ta' kiri relattiv ( a fol. 15) li jistabbilixxi s-segwenti:
"The hirer may arrange for the return or collection of equipment with any EHL outlet during normal business hours and when equipment has been returned or collected EHL will issue a return note. The hirer will remain liable for any going hire charges until such return note has been issued. When the hirer requests collection of equipment EHL will issue a collection reference number in acknowledgement, the hirer remaining responsible for equipment until actual collection". Ray Huber in rappresentanza ta-socjeta' attrici spjega li kopja tal-kuntratt ta' kiri tinghata lill-persuna li tkun gabret il-makkinarju u meta tispicca l-kirja, l-persuna li tkun kriet il-makkinarju tirritorna l-kopja taghha u s-socjeta' attrici tnizzel id-data ta' meta tkun spiccat il-kirja. Dan ix-xhud ikkonferma li fil-kaz odjern kopja tal-kuntratt inghatat lill-persuna li marret tigbor il-makkinarju ghan-nom tas-

socjeta’ konvenuta. Huwa kkonferma wkoll li qatt ma rcieva telefonata minghand is-socjeta’ konvenuta sabiex jingabar il-makkinarju in kwistjoni.

Illi Eric Schembri, ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, xehed li huwa ra l-kuntratt ta’ kiri relattiv biss fill-mumment li gie rritornat il-makkinarju u ghalhekk huwa ma kienx a konoxxenza tal-ezistenza tal-klawzola 3e hawn fuq citata. Huwa qal ukoll li huwa ma jafx min hu Joseph Spagnol, u cioe’ l-persuna li ffirmat il-kuntratt ta’ kiri fil-mument li gie konsenjat il-makkinarju u qal ukoll li din il-persuna m’hijiex impjegata tas-socjeta’ konvenuta. Dan ix-xhud qal li wara li ghaddew diversi granet minn meta nkera l-‘industrial vacum cleaner’ in kwistjoni huwa qabbad lill-impjegat tas-socjeta’ konvenuta sabiex icempel lis-socjeta’ attrici halli jingabar il-‘vacum cleaner’. Meta gie nfurmat li s-socjeta’ attrici ma kienetx taccetta li tigbor makkinarju, huwa qabbad lil persuna sabiex tirritorna lura l-istess makkinarju.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta’ konvenuta kienet negligenti fll-agir taghha bil-mod segwenti:

1. Ghaliex hija ma vverifikatx fil-mument li gie kkunsenjat il-makkinarju il-modalitajiet ta’ kif l-istess makkinarju kellu jigi ritornat lis-socjeta’ attrici;
2. Ghaliex hija ma haditx interess sabiex taghmel dawn il-verifiki fil-mument li ma kellhiex aktar bzonn il-makkinarju in kwistjoni u halliet diversi granet jghaddu qabel ma effettivament ivverifikat x’kellu jsir sabiex il-makkinarju jigi ritornat.

Illi mill-provi rrizulta li kopja tal-kuntratt ta’ kiri inghatat lis-socjeta’ konvenuta fil-mument tal-konsenja tal-makkinarju, anki jekk Eric Schembri jsostni li huwa ra l-kuntratt relattiv biss meta l-makkinarju gie ritornat lis-socjeta’ attrici. It-Tribunal jidhirlu li li kieku s-socjeta’ konvenuta ma nghatatx kopja tal-kuntratt, hija ma kienetx tkun f’posizzjoni li tirritorna lura l-kopja tal-istess sabiex jintlew id-dettalji dwar id-data tar-ritorn tal-makkinarju, kif effettivament sar. Is-socjeta’ konvenuta kienet ghalhekk marbuta bil-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt ta’ kiri relattiv, inkluza l-klawzola 3e, u ghalhekk ghandha thallas

ghall-kiri tal-'industrial vacum cleaner' sad-data meta dan il-makkinarju gie ritornat lura lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm110.95), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza, ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.